**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Nizar I Mustafa Al-Gadi**

**Kumpilazzjoni Numru: 386/12**

**Illum, 7 ta' Marzu, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nizar I Mustafa Al-Gadi detentur tal-karta tal-identita` numru 25405(A).

Akkuzat talli nhar l-24 ta' Marzu 2012, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghodu (09:30 hrs), gewwa 95, Sunflower, Triq L. Casolani, Birkirkara:

1) Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil Margaret Mifsud kontra l-volonta` taghha;
2) Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Margaret Mifsud kif iccertifika Dr N Pace M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;
3) Ghamel lil Margaret Mifsud u lil uliedhom Hailie u Aliyyah ingurji jew theddid bil-mewt.

Talli fl-istess data u hin, u fix-xhur ta' qabel din id-data, fl-istess post u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:-

4) Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Margaret Mifsud;

5) Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Margaret Mifsud biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuni jew il-proprjeta` tal-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet;
6) U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduti mill-Magistrat Dr M Mallia LL.D. nhar it-30 ta' April 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenza saret definittiva;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-provi kollha migjuba u t-trattazzjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat vjolenza familjari fejn l-imputat qieghed jigi akkuzat illi fir-residenza bin-numru hamsa u disghin (95) Sunflower, Triq L. Casolani, Birkirkara fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2012, hebb ghal Dr. Margaret Mifsud li kienet tigi martu billi uza vjolenza fuqha u anke billi kkommetta fastidju kontriha. Il-prosekuzzjoni ziedet ukoll l-aggravji tar-recidiva a bazi tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9. tal-Ligijiet ta' Malta

Illi gara illi ftit gimghat wara dan l-incident u ezatt wara l-kwerela, Dr. Margaret Mifsud giet maqtula bil-konsegwenza illi l-imputat gie akkuzat b'dan ir-reat.

Illi l-provi migjuba f'dawn il-proceduri huma s-segwenti:

Xhieda importanti hafna hi ta**l-Ispettur Elton Taliana** li fid-deposizzjoni tieghu datata erbatax (14) ta' Mejju 2012 jghid illi dakinhar tal-allegat reat kienet giet ghandu l-ghassa Dr. Margaret Mifsud li kienet tidher kemmxejn imbezza' u konfuza u rrakontatlu illi kienet ghadha kif giet aggredita mill-imputat fid-dar ta' ommha fejn huwa zammha fuq is-sufan kontra l-volonta` taghha go wahda mill-kmamar u dan wara li kien sakkar il-bieb tal-istess kamra. Fl-istess mument meta kien fuqha fuq is-sufan beda jaqbadha minn ghonqa u jghidilha il-kliem ***"jew lilek jew lit-tfal"*** u baqa' jzommha sakemm taghtu twegiba. Hi wegbitu illi kien jaf ben tajjeb x'kienet ser twiegeb u f'dak il-mument huwa hareg spaga, dawwarielha ma' ghonqa u qallha li kienet waslet is-siegha li jtemmilha hajjitha.

Ix-xhud kompla jghid illi hija stqarret mieghu illi din ma kienitx l-ewwel darba illi giet iffastidjata minnu izda qatt ma ghamlet xejn ghaliex kienet tibza' minnu. Ix-xhud ikompli jghid illi huwa ra effettivament il-*grip marks* li kienu ghadhom evidenti fuq il-gerzuma tal-istess Mifsud.

Ix-xhud jghid illi l-vittma kompliet tistqarrlu illi l-imputat kemm-il darba kien jheddidha u jghidilha kliem bhal ***“hawn toqtol u tidfen”*** u ***“li huti lesti li jaghmlu kollox”*** u hi kienet dejjem bezghana li xi hadd kien qed isegwiha sabiex joqtolha.

Ix-xhud jghid illi baghat lil Mifsud sabiex taghmel certifikat mediku li fil-fatt hija ghamlet dakinhar stess kif jista’ jigi kkonfermat minn certifikat mediku ta’ Dr. Nicolai Pace in atti.[1]

Ix-xhud jghid illi l-imputat fuq domandi fl-istqarrija dejjem innega kollox u sahansitra kien qal storja ohra li ser tigi ampjament elenkata fix-xhieda tal-istess imputat.

Xhieda ohra mportanti kienet dik tal-**PS 3 Kevin Grima** illi kkonferma dak li qal l-Ispettur Taliana a rigward li dakinhar tar-reat kienet giet l-ghassa Dr. Mifsud maz-zewgt itfal taghha fejn din kienet tidher ecitata u mbezza’. Hija fil-fatt irrapurtatlu dak li kien gara aktar kmieni filghodu u fejn jghid ukoll illi wara li l-imputat allegatament rikeb fuq daharha u zammha kontra r-rieda taghha, hu beda jghidilha kif ser joqtolha u hi rrapurtatlu li qaltlu illi huwa fil-fatt kien dejjem riedha li jweggaghha u tibqa’ tbati ghal ghomorha u mhux li joqtolha u mbaghad wara li ghamillha il-lazz ma’ ghonqa, hija qalet lix-xhud illi rnexxielha tohrog minnu u nnutat illi dan il-lazz kien ta’ kulur abjad.

[1] A fol 26 tal-process u li sussegwentement gie kkonfermat bil-gurament fl-ewwel (1) ta’ Lulju 2013

Ix-xhud kompla jikkonferma illi hija kienet qaltlu li dik ma kienitx l-ewwel darba li hassitha imbezza' mill-imputat izda li qatt ma kienet ghamlet rapport ghax kienet imbezza'. Ix-xhud jikkonferma wkoll illi Dr. Mifsud kellha ghonqha ahmar dak il-hin meta giet l-ghassa.[2]

Xhud ohra kienet omm Dr. Margaret Mifsud u cioe` **Tessie Mifsud** illi maghha kienu jghixu l-imputat flimkien ma' martu u z-zewgt it-tfal taghhom. Din ix-xhud li tat id-deposizzjoni taghha fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru 2012[3] bidet biex tghid illi l-imputat u bintha kienu mizzewgin civilment izda li sitt (6) snin qabel l-allegat reat bintha kienet talbitha biex hu joqghod maghhom sabiex izzomm il-kwiet. Ix-xhud bdiet tispjega li dakinhar tal-24 ta' Marzu 2012 filghodu kienet id-dar mat-tifla Margaret fejn din cemplet lill-imputat u fejn qaltlu li dakinnhar it-tfal kellhom il-*ballet* izda kienet xi tip ta' *parents' day* u ghalhekk kienu mistednin il-genituri. Hi fil-fatt staqsietu jekk jistax imur hu ghaliex hi kellha xi haga li ma setghetx tikkancella u ommha semghetha tghid il-kliem "***all right mela***" u ghalhekk fehmet illi dan kien qallha li ma kienx ser imur. Dan setghet tikkonfermah ghaliex Margaret talbet lilha biex tmur izda anke hi kellha appuntament li ma setghetx tikkancella. Meta x-xhud giet mill-appuntament fis-1.00 p.m. u meta ma rathiex hemm inkwietat u cemplet lil bintha li kienet qaltilha bil-mod li kienet l-ghassa tal-pulizija u li tghidilha kollox meta tigi hemm. Din fil-fatt irrakontatielha x'kien gara meta marret lura d-dar taghha.

[2] Vide rapport tal-incident a fol 41 tal-process
[3] A fol 47 tal-process

Ix-xhud tghid ukoll illi Dr. Mifsud kienet qaltilha sabiex tghinha u tigbor hwejjeg l-imputat u haduhom l-ghassa fejn dan kien gie jigborhom mill-istess ghassa. Ix-xhud tkompli bicca mportanti ohra u cioe` illi bintha dakinnhar kienet qaltilha illi kienet kitbet rapport bil-miktub halli jekk jaslu biex imorru l-Qorti fuq dan il-kaz ma tinsa xejn, izda tghid li dan ir-rapport qatt ma kienet ratu sakemm ma wasal il-kaz tal-qtil taghha.

Tessie Mifsud kompliet tghid illi l-atteggjament tal-imputat ma' bintha kien minn dejjem aggressiv u anke mat-tfal taghhom tant li sikwit kien ibikkihom u jweggaghhom izda Margaret kienet persuna kwieta u li kienet tikkuntenta lil kulhadd u ghalhekk hafna drabi kienet toqghodlu ghal kollox anke meta kien ikun aggressiv maghha.

Xhud iehor kien **Joseph Mallia** li kien espert kalligrafu mqabbad fl-inkjesta dwar il-qtil ta' Dr. Margaret Mifsud fejn kien gie mqabbad mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Saviour Demicoli sabiex jaghmel ezami komparattiv tal-kalligrafija ta' Dr. Mifsud ma' dokument iehor u li kien inghad li kien miktub minnha stess u liema kien ir-rapport li kienet tkellmet ix-xhud precedenti dwaru. Ir-rizultanzi kienu li fil-fatt kien dokument miktub mill-istess Dr. Margaret Mifsud.[4]

[4] Vide Dokument JM1 a fol 86 tal-process

Xhud determinanti ghall-kaz tal-prosekuzzjoni kienet **l-Ispettur Carol Fabri** li xehdet kif instab dak id-dokument fil-kamra tas-sodda tal-istess Margaret Mifsud wara tifttxija li saret wara l-mewt taghha. Hija gharfet id-dokument li kien jikkonsisti f'erbgha karti miktubin bl-idejn u li kien x'ghid b'mod dettaljat x'kien gara dak in-nhar tal-24 ta' Marzu 2012. Hija tkompli tghid hekk :

> *« Pero` meta jiena elevajt dan id-dokument u qrajtu, peress li jiena kont stazzjonata Birkirkara u dakinnhar ukoll meta giet taghmel ir-rapport inzertajt kont isfel fl-ghassa, mill-ewwel ghamilt one plus one li dan seta' kien incident li gie rrappurtat f'Marzu tax-xahar ta' qabel ».*

**WPS 170 Marlene Vella** xehdet kif darba minnhom f'April qabel ma bdiet is-seduta ta' Birkirkara fil-bini tal-Qorti, giet Dr. Margaret Mifsud u staqsiet lill-Ispettur Taliana xi informazzjoni fuq ir-rapport u tiftakar tghidlu li kien ahjar li tikteb ix-xhieda taghha ghax kienet ser tinsiha.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Nizar Mustafa Al Gadi** li xehed illi dakinhar tal-incident filghodu hu kien id-dar ta' omm Margaret flimkien mal-istess u meta mar fil-kamra tas-sodda biex igib il-basket tat-*training* hu ried ikollu x'jaqsam maghha u bdew jinhakku. Hu jghid illi Margaret qaltlu li ahjar le ghaliex kienet mahmuga peress li ftit qabel kienet qeghda tnaddaf. Huwa kkonferma l-istqarrija tieghu fis-sens illi hu nnega dak li kien gara dakinhar u nnega wkoll illi huwa qatt heddidha. Huwa jghid li wara telaq mid-dar u mar il-gym sakemm ma cempillu s-surgent.

Huwa spjega kif fl-2005 huwa u Margaret kienu sseparaw u sussegwentement iz-zwieg taghhom gie annullat. Minhabba f'hekk hu gie mkecci minn Malta u ghal xi zmien huwa mar jghix il-Libya biex rega' lura fl-2008 fejn rega' mar joqghod ma' Margaret fid-dar ta' ommha. Huwa jghid li f'dawk is-snin sussegwenti li gie lura Malta, ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda normali ta' koppja mizzewwga fejn sahansitra huma kienu qeghdin jippjanaw biex jixtru dar flimkien izda il-*loan* tal-bank kienet ser tkun unikament fuq Margaret ghaliex hu jispjega illi peress li Margaret kienet avukata, il-banek kienu aktar jafdawha.

Fuq mistoqsija tal-avukat tieghu jekk wara dan l-incident huwa regax kellem lil Margaret, huwa jghid illi darba wahda kien mar quddiem il-*ballet* tat-tfal f'Birkirkara u ovvjament kien hemm Margaret fit-triq tistennihom u hu beda jsaqsiha sabiex johorgu flimkien mat-tfal. B'xi mod hi accettat u marru il-Pizza Hut f'Tas-Sliema fejn hemmhekk kien hemm xi hadd li hadilhom xi ritratti flimkien.

Fuq domandi in kontro-ezami l-imputat spjega kif ir-relazzjoni ma' Margaret Mifsud kienet wahda ghal kollox normali u ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni tar-rapport li hi ghamlet kontrih ghaliex ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda normali.

**Ikkunsidrat :**

Rat is-sentenzi li ngabu bhala prova dwar l-addebitu tar-recidiva li jinsabu a fol 121 *et seq* tal-process;

Rat il-verbal tad-difiza datat tlettax (13) ta' Ottubru 2014 fejn intalab illi fin-nuqqas tax-xhieda ta' missier Dr. Mifsud, tigi esebita vera kopja tax-xhieda traskritta tieghu li kienet inghatat quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Saviour Demicoli u cioe` fl-atti tal-inkjesta tal-qtil tal-istess Dr. Margaret Mifsud.

Rat illi din ix-xhieda giet fil-fatt esebita bhala vera kopja u li tinsab a fol 194 tal-process (Dok NMG1) u hadet konjizzjoni taghha.

Rat ukoll il-verbal tad-difiza datat sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2015 fejn intalab li x-xhieda taz-zewg minuri tal-imputat u d-defunta Dr. Mifsud Aaliyah u Hayley li nghatat ukoll quddiem il-Magistrat Inkwirenti, tigi inserita f'dawn il-proceduri.

Rat li din it-traskrizzjoni, li saret in *video conference* giet inserita f'dawn l-atti u tinsab a fol 242 *et seq* tal-process[5] u flietha bir-reqqa.

**Ikkunsidrat:**

[5] Dok BAB 1 u BAB 2 huma il-filmati ta' dawn iz-zewg testimonjanzi.

Illi l-akkuzar Nizar Al Gadi huwa akkuzat illi fl-24 ta' Marzu 2012 huwa issekwestra lil Margaret Mifsud u kkagunala griehi hfief; illi fl-istess data hedded lill-istess u lill-minuri Hayley u Aaliyah bil-mewt, gab ruhu b'tali mod li ffastidja lill-istess Margaret Mifsud u li kkagunalha biza'.

Illi f'kull kaz kriminali , huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex, kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu` ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda w il-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat mill-prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Illi ghalhekk, m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 638 tal-istess ligi imbaghad jghid hekk:

> *"(1) Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti.'*

Illi kif inhu ben risaput, sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju li ma jhallix lill-gudikant ikollu dik il-konvinzjoni morali dwar ir-responsabbilita` kriminali tal-persuna akkuzata. Dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi la naha w lanqas ohra. Huwa l-akkuzat, li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbilita`. [6]

Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [7]

Kwantu ghal provi indizzjarj, referenza qed issir ghal dak li nghad minn **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet ***Teper v The Queen*** [1952] AC 480, 489 fejn intqal:

> *"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other coexisting circumstances which would weaken or destroy the inference."* [8]

---

[6] Il-***Pulizija v Joseph Zampa et*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 1998.
[7] ***Il-Pulizija v Paul Farrugia*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu 2000.
[8] ***Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader*** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disa' (9) ta' Jannar 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Emanuel Seisun*** fejn gie dikjarat li :

> *"huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci".*

**Archbold** fil-ktieb tieghu Criminal Practice[9] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet Teper v The Queen [1952] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil Cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another.* ***It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.****"* (emfazi mizjud)

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu

[9] 1997 Edition, para. 10 – 3.

lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil**:

> *“Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

Finalment din il-Qorti taqbel hafna ma dak li ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza fis-17 ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali fejn intqal:

> *"Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma’ xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni."*

Illi fid-dawl tas-suespost, ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi cirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni bil-ghan sabiex tistabilixxi jekk humhiex diretti fl-istess direzzjoni u cioe` jekk iwasslux ghall-htija tal-imputat u dan fl-impossibilita` li tingieb il-prova tal-kwerela min-naha tal-kwerelanta.

Illi dan kollu qed jinghad ghaliex m’hemmx dubju li f’dan il-kaz hemm nieqsa il-prova, li normalment hija prova importanti u determinanti ghal kazijiet bhal dawn, u cioe` tal-parte civile u cioe` ta’ Dr. Margaret Mifsud, li kif issa sar risaput li Dr. Margaret Mifsud inqatlet ftit gimghat wara dan l-incident u li l-

imputat odjern kien gie addebitat lilu tali reat. Illi ghal dan ir-ragunijiet, kien hemm l-impossibilita` li l-prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova f'dawn ic-cirkostanzi u ghalhekk din il-Qorti ghandha tistrieh fuq ix-xhieda migjuba kif ukoll fuq il-provi cirkostanzjali kollha.

Illi b'dan pero` illi m'hemmx dubju illi d-defunta Dr. Margaret Mifsud kellha kull intenzjoni illi tibda proceduri kriminali kontra l-imputat tant illi hija stess kienet marret fl-ghassa ta' B'Kara dakinhar stess tal-incident u fil-fatt bil-boroz tal-hwejjeg tal-imputat f'idejha, kellmet lill-Ispettur Elton Taliana u fil-fatt hemmhekk fethet kwerela kontra l-istess imputat u li l-imputat ma jergax jersaq lejn id-dar taghha.

Illi fil-fatt gara li sussegwentement li bdew il-proceduri, instabet karta miktuba *di proprio pugno* mill-istess Dr. Margaret Mifsud li tispjega b'mod dettaljat x'gara dak in-nhar tar-reat u li kkorroborat pjenament max-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni. Illi ta' min jinghad illi ghalkemm Dr. Margaret Mifsud ma setghetx tigguramenta din l-iskrittura ghaliex kienet diga` mejta, din kienet attribwita lilha mill-espert tal-Qorti Joseph Mallia u ghalhekk din il-Qorti tista' liberament tiehu din l-iskrittura bhala prova valida u effettiva. Fil-fatt fuq din l-iskrittura ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naha tad-difiza.

Illi ghaldaqstant, hemm katina ta' eventwalitajiet' u ta' provi illi jorbtu wahda mal-ohra u johorgu stampa cara li ma thalli l-ebda ombra ta' dubju illi dak li

ntqal mix-xhieda tal-prosekuzzjoni fil-fatt gara. Id-dokumentipprezentat u li kien miktub *di proprio pugno* minn Margaret Mifsud kien determinanti ghal dan il-kaz u li jorbot it-tasselli kollha flimkien.

Hija fil-fatt tikteb dwar l-atteggament vjolenti tal-imputat, anke qabel dan l-incident, qalet kif l-imputat ikkonvinciha tidhol fis-salott ta' ommha u sakkar il-bieb ta' din il-kamra. Spjegat kif hu tela' fuq daharha b'gismu filwaqt illi hatafha minn ghonqha bil konsegwenza li hi ma setghetx tillibera minnu. Spjegat kif f'temp ta' sekonda hija rnexxielha tillibera ruhha wara li dawwrilha lazz ma ghonqa u ghalhekk telqet mid-dar u marret taghmel ir-rapport. Illi hawnhekk johrog car illi ghalkemm forsi din damet ftit minuti xorta wahda jirrizulta l-arrest illegali ghaliex l-istess Margaret Mifsud kienet fl-impossibilita` fizika ghal xi minuti li tillibera ruhha mill-aggressur taghha.

Ix-xhieda tal-imputat, ghalkemm il-verzjoni tal-fatti minn dejjem kienet l-istess, johrog kemm kien bniedem kalkolatur u bla emozzjonijiet u dan johrog evidenti miz-zewg xhieda tat-tfal tieghu li gew esebiti in atti u fejn spjegaw dettaljatament kif kien jittratta lil ommhom u lilhom. Dan kollox, flimkien mat-testimonjanzi l-ohra, jikkontrasta pjenament max-xhieda tal-imputat li bil-kalma kollha spjega kif hu kien ragel u missier ezemplari.

Illi l-uniku element li ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni huwa t-theddid kontra il-minuri Hayley u Aaliyah stante li ma hareg xejn mill-provi illi juri li f'dik il-gurnata l-imputat kien hedded li dawn iz-zewg minuri.

Illi a rigward ir-reat ta' fastidju, huwa veru illi l-Artikolu 251 A u 251 B jesigu li jkun hemm ippruvat *a course of conduct* izda f'dawn ic-cirkostanzi ta' vjolenza domestika wiehed ma jistax jesigi prova ta' kwereli jew rapporti ghaliex huwa ben risaput li f'dawn it-tip ta' reati il-vittma ddum tissaporti u tibza' biex tirraporta. Ghalhekk il-Qorti trid f'dan il-kaz iggib il-provi taghha minn provi ohra cirkostanzjali. Dawn hargu evidenti mit-testimonjanzi ta' Tessie Mifsud u mid-depozizzjonijiet iskritti ta' William Mifsud u tal-minuri Hayley u Aaliyah, kif ukoll mid-dokument esebit mill-espert Joseph Mallia miktub minn Margaret Mifusd stess. Dawn kollha jixhdu dwar kemm l-imputat kien ikun assillanti ma martu u kemm hi, sabiex izzomm il-kwiet, kienet tissaporti ghall-gid tat-tfal taghha meta f'dak iz-zmien qabel dan ir-reat huma lanqas biss kienu ghadhom mizzewwgin. Din hija forma ohra ta' fastidju izda fl-ambitu domestiku. Ghalhekk il-Qorti thoss li anke dawn l-akkuzi gew ippruvati.

Illi marbut ma' dan hemm il-fastidju abbinat mal-biza' li hu dak ravvizat fl-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jinghad illi huwa veru illi l-istess Margaret Mifsud ma setghetx taghti x-xhieda taghha u tikkonferma jekk fil-fatt hassitx biza' f'dak il-mument, izda tenut kont tal-atteggjamenti precedenti tieghu kif ukoll l-atti li huwa ghamel dakinhar tar-reat, johrog bic-car illi kull

persuna kienet ser thoss biza' lejn l-aggressur taghha. Illi fejn normalment dan it-test ikun wiehed soggettiv, f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha tapplika test oggettiv u cioe` jekk persuna, f'cirkostanzi u retroxena simili x'kien ihoss, u r-rizultat certament ikun fil-pozittiv.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 28(2), 49 u 50, 86 u 87 (1)(c), 221(1) u 222(1)(a), 339(e), 251A, 251B u 222 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-akkuzat **Nizar Mustafa Al Gadi** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ta' theddid fuq il-minuri Aaliyah u Hayley u stante li l-addebitu tar-recidiva gie ippruvat, qed tikkundannah ghal tliet (3) snin prigunerija.

____________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**